MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2317/2000/1

**F.G.S. CONSTRUCTION LIMITED**

**vs**

**Mark u Elizabeth konjuġi MICALLEF u b'Degriet tat-30 ta' Jannar, 2002, l-Avukat Dottor Peter Fenech u l-P.L. Veronica Rossignaud ġew maħtura Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Elizabeth Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 t'Ottubru, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet :

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbat elef  ħames mija u sebgħa u sebgħin liri maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm4577.29c) rappreżentanti ħlas ta' xogħolijiet magħmula mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-konvenuti

jew min minnhom u konsistenti *inter alia* fi tqegħid ta' travi, qliegħ ta' ħitan u xogħolijiet strutturali oħra fil-fond 66/1, Buckingham Flats, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar;

Illi llum dan l-ammont hu dovut mill-konvenuti jew min minnhom lis-soċjeta' attriċi skond il-Liġi;

Illi nonostante li l-konvenuti jew min minnhom ġew interpellati sabiex iħallsu l-istess ammont kemm permezz ta' ittra bonarja u kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 t'Awissu 2000, dawn baqgħu inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna li:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbat elef ħames mija u sebgħa u sebgħin liri maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm4577.289c) rappreżentanti ħlas ta' xogħolijiet magħmula mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq spjegat fil-fond 66/1, Buckingham Flats, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar;

2. U konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma fuq imsemmija ta' erbat elef ħames mija u sebgħa u sebgħin liri maltin u disgħa u għoxrin ċentezmu (Lm4577.29c);

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-19 ta' Lulju 2000 u tal-ittra uffiċjali datata 1 t'Awissu 2000, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli minn meta ġew kompilati x-xogħolijiet sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Mark Micallef waqt is-smigħ tal-4 t'Ottubru, 2001[1], li biha stqarr it-talbiet attriċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 t'Ottubru, 2001, li fih il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-imħarrka Elizabeth Micallef kienet telqet minn Malta u marret tgħix barra;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Frar, 2002, li biha l-Kuraturi Deputati maħturin biex jirrappreżentaw lill-imħarrka Elizabeth Micallef eċċepew:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti u jirriserva li jipprezenta eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif jikkomunika mal-klijenta tiegħu;

2. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

Semgħet ix-xhieda tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 ta'Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' xogħol imwettaq f'appalt. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrkin qabbduha tagħmel xogħol strutturali f'post tagħhom f'San Pawl il-Baħar u li tiegħu baqgħu ma ħallsuhiex minkejja li x-xogħol sar;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek stqarr it-talba tal-attriċi. Imma l-imħarrka, għalkemm imsiefra minn Malta,

[1] Pa[. 15 tal-pro`ess

iddefendiet l-azzjoni permezz tal-kuraturi maħturin f'isimha;

Illi, minħabba f'hekk, jeħtieġ li l-Qorti tqis jekk il-kumpannija attriċi seħħilhiex tressaq provi tajbin biżżejjed biex turi li għandha raġun. Dawn il-provi kienu jikkonsistu fix-xhieda ta' żewġ rappreżentanti tagħha li qalu li huma ntalbu mill-imħarrek biex jibdlu xi travi u xi ħitan f'post li jinsab f'Buġibba. Ma sar l-ebda ftehim bil-miktub[2] u x-xogħlijiet ħadu madwar tlitt (3) ġimgħat biex jitlestew. Kien l-imħarrek innifsu li lill-impjegati tal-kumpannija attriċi - li l-ħidma ewlenija tagħha hija dik ta' xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fil-bini - kien imur jiftħilhom il-post kull meta kien se' jsir ix-xogħol u kien jibqa' magħhom fil-post sakemm jaslu biex jitilqu. L-imħarrka ma kinitx preżenti meta sar il-ftehim u lanqas meta kien ikun qiegħed isir ix-xogħol;

Illi, meta x-xogħol intemm u ntbagħat il-kont, l-imħarrek għadda *cheque* bl-ammont mitlub, imma dan ma ssarrafx meta ġie ippreżentat. Jirriżulta li ċ-*cheque* inħareġ mill-imħarrka u kien iffirmat minnha. Kopja ta' dan id-dokument baqgħet ma tressqitx fl-atti tal-kawża;

Illi l-kumpannija attriċi tgħid li l-valur tax-xogħol imwettaq jiswa iktar minn erbat elef u ħames mitt lira Maltija. Ma tressaq l-ebda prospett biex ifisser kif il-kumpannija attriċi waslet għal dan l-ammont. Madankollu, bl-istqarrija magħmula mill-imħarrek fl-atti tal-kawża, u li kien ikun fuq il-post meta sar ix-xogħol, jidher li l-kumpannija attriċi serrħet moħħha, li ma kienx hemm għalfejn tressaq iżjed provi biex issejjes it-talba tagħha. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti toqgħod fuq dak li qegħda tippretendi l-kumpannija attriċi fuq is-saħħa tal-fatt li dwar l-ammont mitlub ġie dikjarat bis-saħħa ta' ġurament;

Illi, minbarra dan, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni siewja biex tqis li l-appalt ma ngħatax miż-żewġ imħarrkin. Is-sehem tal-imħarrka, l-iżjed fil-waqt tal-ħlas tal-kont tax-xogħol appaltat, huwa sinjifikattiv biżżejjed biex, meqjus

[2] Xhieda ta' Jesmond Falzon 18.6.2002, f'pa[[. 38-9 tal-pro`ess

min-natura tiegħu, jitqies li jgħabbi l-komunjoni li sa dak iż-żmien kienet teżisti bejnha u l-imħarrek żewġha wkoll;

Illi, waqt it-trattazzjoni tal-aħħar, l-Kuratur Deputat qanqal il-kwestjoni jekk, fil-każ tal-patroċinata tiegħu, il-kawża marritx deżerta minħabba li hija ġiet notifikata aktar minn sitt xhur wara li l-kawża ġiet imressqa. Il-Qorti ssib li, minn dak li jirriżulta fl-atti tal-kawża, minn dak li joħroġ mill-artikolu 966 tal-Kap 12 rigward il-ħatra ta' kuraturi *ex officio,* u minn dak li l-ogħla Qrati tagħna fissru dwar kif u meta japplikaw ir-regoli tad-deżerzjoni, dan id-dubju m'għandux mis-sewwa. L-atti tal-kawża jinsabu mwettqin kif imiss fil-konfront tal-imħarrka Elizabeth Micallef ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Kuraturi Deputati, u wara li rat l-istqarrija tal-imħarrek;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lill-imħarrkin Mark u Elizabeth miżżewġin Micallef bħala debituri solidali tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' erbat elef ħames mija u sebgħa u sebgħin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm 4577.29), rappreżentanti l-prezz ta' xogħlijiet imwettqa f'appalt fuq talba tal-imħarrek Mark Micallef f'post f'San Pawl il-Baħar;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Micallef iħallsu l-imsemmija somma ta' erbat elef ħames mija u sebgħa u sebgħin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm 4577.29); u

**Tikkundanna** lill-imsemmija Mark u Elizabeth Micallef iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma msemmija b'effett mill-1 t'Awissu, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 t'Ottubru, 2002**